MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum it-18 ta' Ottubru, 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1315/2019/1 LM

**Paul Pace (ID 126164M) bħala President; Colin Galea (ID 83169M) bħala Segretarju Ġenerali; Alexander Manche (ID 445566M) bħala Viċi President; u George Saliba (ID 645458M) bħala Teżorier tal-Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN)**

***vs.***

1. **Segretarju Prinċipali Permanenti fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru;**
2. **Segretarju Permanenti (People & Standards Division) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru;**
3. **Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa;**
4. **Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Paul Pace (K.I. 126164M)** bħala President; **Colin**

**Galea** (K.I. 83169M) bħala Segretarju Ġenerali; **Alexander Manche** (K.I. 445566M) bħala Viċi President; u **George Saliba** (K.I. 645458M) bħala Teżorier **tal-Malta Union of Midwives and Nurses** (minn issa 'l quddiem "l-MUMN") li ġie ppreżentat fit-30 ta' Settembru, 2019, li jgħid:

*Illi t-trade union esponenti għandha interess li jitħarsu l-interessi tal-istess esponenti;*

*Illi l-esponent, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimati milli jibdew in-negozjati mal-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM), u, f'każ li tali negozjati diġà bdew, milli jkomplu bin-negozjati għall-ftehim kollettiv, jissejjaħ kif jissejjaħ, mal-istess Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM), sa fejn dan ikun jirrigwarda l-fiżjoterapisti impjegati fis-settur pubbliku u ċioe mad-Dipartiment tas-Saħħa u ma' istituzzjonijiet mediċi li jaqgħu taħt il-Ministeru tas-Saħħa u dawk impjegati f'diviżjonijiet, dipartimenti u istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, u milli jiffirmaw u/jew jikkonkludu kwalsiasi ftehim kollettiv, jissejjaħ kif jissejjaħ, mal-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) sa fejn dan ikun jorbot u/jew jirrigwarda l-fiżjoterapisti impjegati fis-settur pubbliku.*

*Illi permezz ta' email datata 27 ta' Settembru, 2019, il-Union rikorrenti ġiet mgħarrfa mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa illi l-Union Ħaddiema Magħqudin ossia Voice of the Workers – UĦM kienet ingħatat is-sole recognition tal-Allied Health Care Professionals u l-Union rikorrenti taf li in segwitu għal dan ir-rikonoxximent l-intimati jew min minnhom se jibdew in-negozjati (jekk mhux diġà bdew) sabiex jiġi konkluż ftehim kollettiv ġdid għal dawk il-professjonisti impjegati mas-settur pubbliku illi jaqgħu taħt in-nomenklatura ġenerika ta' 'Allied Health Care Professionals';*

*Illi din il-klassi ta' 'Allied Health Care Professionals', illi tikkomprendi wkoll il-fiżjoterapisti, ma tikkostitwixxix grupp li huwa maħluq jew regolat bil-liġi u għalhekk m'hemm ebda norma jew regola tassattiva illi ftehim kollettiv għandu jiġi nnegozjat u konkluż b'mod li jkun jirregola l-healthcare professionals kollha, tant illi hemm professjonisti tas-saħħa illi għandhom ftehim kollettiv għalihom indipendentement mill-professjonisti tas-saħħa l-oħra li għall-finijiet ta' konvenjenza ġew raggruppati taħt in-nomenklatura ta' 'Allied Health Care Professionals';*

*Illi f'Settembru 2016, il-Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN) kienet ingħatat is-sole recognition tal-fiżjoterapisti li jaħdmu mas-settur pubbliku;*

*Illi, konsegwentement, huwa bil-wisq ċar u manifest illi l-fiżjoterapisti li jaħdmu mas-settur pubbliku li tagħhom l-MUMN kienet ingħatat u għad għandha sole recognition għandhom id-dritt illi l-ftehim kollettiv tagħhom jiġi diskuss u negozjat mill-MUMN u ċioe mit-trade union li tirrappreżentahom u ċertament mhux minn trade union illi hija estranea għalihom u li l-maġġoranza assoluta tagħhom mhumiex imseħbin magħha;*

*Illi altrimenti jkunu qed jiġu vvjolati b'mod l-iżjed lampanti d-drittijiet fundamentali tal-għaqda u assoċjazzjoni kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għaliex ġialadarba l-maġġoranza assoluta tal-fiżjoterapisti għażlu li jkunu imsieħba mar-rikorrenti MUMN allura huma għandhom id-dritt illi tkun l-istess MUMN li tinnegozja l-ftehim kollettiv tagħhom u ma jistgħux jiġu mċaħħda minn dan id-dritt sempliċiment għaliex il-UĦM għandha il-maġġoranza tal-professjonisti tas-saħħa oħra iżda mhux il-fiżjoterapisti.*

*Illi għalhekk l-Union sejra tiġi ppreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad.*

*Għaldastant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat illi l-intimati l-Avukat Ġenerali, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, u s-Segretarju Permanenti (People and Standards Division) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ilkoll ġew notifikati bir-Rikors fit-30 ta' Settembru, 2019.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru, 2019 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12, kif ukoll ordnat in-notifika tar-Rikors u d-Digriet lill-Union Ħaddiema Magħqudin – Voice of the Workers, għal kull interess li din jista' jkollha.

Rat ir-Risposta tas-**Segretarju Prinċipali Permanenti fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru**, tas-**Segretarju Permanenti (People and Standards Division), fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru**, tas-**Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa**, tas-**Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali**, ippreżentata fis-7 ta’ Ottubru, 2019, li tgħid kif ġej:

1. *Illi permezz ta’ rikors għall-ħruġ tal-mandat ta’ inibizzjoni, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm lill-esponenti milli jibdew in-negozjati mal-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM), u, f’każ illi tali negozjati diġà bdew, milli jkomplu bin-negozjati għall-ftehim kollettiv, jissejjaħ kif jissejjaħ mal-UĦM sa fejn dan ikun jirrigwarda l-fiżjoterapisti impjegati fis-settur pubbliku u ċioe mad-Dipartiment tas-Saħħa u ma’ istituzzjonijiet mediċi li jaqgħu taħt il-Ministeru għas-Saħħa u dawk impjegati f’diviżjonijiet, dipartimenti u istituzzjonijiet illi jaqgħu taħt il-Ministeru għas-Saħħa u dawk impjegati f’diviżjonijiet, dipartimenti u istituzzjonijiet illi jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta’ Soċjali, u milli jiffirmaw u/jew jikkonkludu kwalsiasi ftehim, jissejjaħ kif jissejjaħ, mal-(UĦM) sa fejn ikun jorbot u/jew jirrigwarda l-fiżjoterapisti impjegati fis-settur pubbliku;*
2. *Illi l-esponenti jissottomettu li t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jiġi muri f’din ir-risposta:*

*Ir-Rekwiżiti Legali biex jkun jista’ jinħareg il-Mandat ta’ Inibizzjoni:*

3. *Illi l-esponenti sejrin jgħaddu sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fil-qosor dwar ir-rekwiżiti neċessarji għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni:*
4. *Illi l-Artikolu 873 (1) u (2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) jipprovdi illi:*

> *“(1) L-iskop tal-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

> *(2) Il-Qorti m'għandiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawn il-jeddijiet"*

5. *Illi ġie wkoll ritenut illi l-mandat ta' inibizzjoni:*

> *"huwa mezz eċċezzjonali normali ta' provediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli [...] It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk, bl-għemil li minnu qiegħad jibża' r-rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat" [enfasi miżjuda mill-esponenti] (**Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Marin Hili**, Qorti tal-Kummerċ, Rikors numru 3135/94 deċiża fit-22 ta' Settembru 1995);*

6. *L-esponenti jirrilevaw illi sabiex jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti għandha ai termini tal-Artikolu 873(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tkun sodisfatta illi (a) tali ħruġ huwa meħtieġ sabiex jiġu mħarsa jeddijiet tar-rikorrenti u (b) li prima facie ir-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet;*

7. *L-esponenti jirreferu wkoll għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited et** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 989/07FS) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Lulju 2007 fejn ġie osservat illi:*

> *"Ir-rekwiżiti essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma li:*
>
> I. *Il-Qorti m'għandiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNEĊESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI];*
>
> II. *Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT PRIMA FACIE JIDHER LI GĦANDU DAWK IL-JEDDIJIET";*

8. *Illi l-liġi tħares il-"jedd" prima facie, bħala rekwiżiti meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. L-esponenti jirrileva illi wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib (**L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs id-Direttur tal-Kuntratti - Mandat numru 976/08JRM**);*

9. *Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti tar-rikorrent tilmenta sabiex tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jiġi nieqes it-tieni element għall-ħruġ tal-mandat.* ***(Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Rikors Nru. 1935/09/JRM)****. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrani li t-tieni rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat (ċioe' li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti) mhumiex sodisfatti f'każ illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti hija ntiża sabiex tirkupra danni. Dan għaliex ir-rikorrent għandu l-ewwel nett iġib prova illi l-preġudizzju li jista' jsofri huwa wieħed irrimedjabbli u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni;*

10. *L-esponenti jirreferu għall-provvediment fl-ismijiet* ***Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti*** *(Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-26 ta' Marzu 2013 fejn ġie osservat illi:*

    *"Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrent tkun tista' tiġi rimedjata mod ieħor".*

11. *Illi inoltre, l-Artikolu 873(3) tal-Kap 12 jipprovdi s-segwenti:*

    *"(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jitalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-Qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju*

*li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma";*

12. *L-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 873 tal-Kap 12 hija illi sabiex ikun jista' jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern, iridu jiġu sodisatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u cioe' is-subinċiż (1), (2) u (3) tal-imsemmija artikolu;*

*Il-Fatti*

13. *Illi fis-sena 1994 ġie ffirmat il-"Paramedics Nursing Class Agreement" mal-UĦM u l-GWU;*

14. *Illi fis-sena 1996 tneħħew mill-ftehim oriġinali tan-1994 l-infermiera u sar agreement appożitu mal-MUMN dwar l-infermieri bil-konsegwenza li l-agreement oriġinali baqa' jikkonċerna l-paramediċi;*

15. *Illi jingħad li l-paramediċi huma magħmula min numru ta' professjonisti li għandhom warrant sabiex jipprattikaw il-professjoni tagħhom u fosthom insibu il-fiżjoterapisti;*

16. *Illi fis-sena 2012 inbidlet in-nomenklatura tal-agreement originali sabiex minflok "Paramediċi" beda jissejjaħ "Allied Health Professionals";*

17. *Illi fis-sena 2016, l-MUMN talbu rikonoxximent f'waħda mill-10 professjonijiet u ċioe il-fiżjoterapisti, iżda filwaqt li kienu ingħataw rikonoxximent, madankollu, il-fiżjoterapisti xorta waħda baqgħu bl-agreement oriġinali;*

18. *Illi riċentement l-UĦM talbu li jkollhom sole recognition tal-Allied Health Professionals;*

19. *Illi skont il-liġi industrijali, ir-reġistratur tat-trade unions beda l-proċess ta' verifika b'referenza għall-professjonisti li huma l-Allied Health Professionals;*

20. *Illi dan il-proċess ta' verifika intemm u immedjatament wara ġie intavolat ir-rikors da parti tar-rikorrent;*

*Mertu:*

21. *L-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, intenzjonati sabiex jivessaw u jikkostitwixxu abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji;*

22. *L-esponenti jissotomettu li dak li jrid jiġi muri huwa li r-rikorrenti għandhom jedd li jistħoqq li jiġi kkawtelat, liema jedd irid ikun wieħed oġġettiv u mhux suġġettiv u ċioe, illi l-jedd irid jidher prima facie mal-ewwel daqqa t'għajn għall-fini ta' din il-proċedura eċċezzjonali;*

23. *Minn analiżi tar-rikors in risposta jirriżulta illi r-rikorrenti qed jilmentaw li l-MUMN kienet ingħatat is-sole recognition tal-fiżjoterapisti li jaħdmu fis-settur pubbliku sa mill-2016;*

24. *Illi għalkemm huwa minnu li fl-2016 l-MUMN ingħatat ir-rikonoxximent tal-fiżjoterapisti, madankollu ma kienx sar ftehim kollettiv mal-MUMN dwar il-fiżjoterapisti iżda dak li kien ġara huwa li l-fiżjoterapisti baqgħu regolati mill-agreement oriġinali flimkien mal-Allied Health Professionals. Iktar minn hekk, l-amministrazzjoni ħasset li jekk numru ta' ħaddiema jagħżlu rappreżentanza, għandu jinstab mod kif dan iseħħ mingħajr ma jitkissru sistemi stabbiliti u li qed ikunu mħaddma tajjeb.*

25. *Illi dak li jidher li qed tilmenta fuqu l-MUMN, u li jidher li hi r-raġuni wara dan il-mandat, hi li għandha tkun l-MUMN u mhux l-UĦM illi tinnegozja l-ftehim kollettiv f'isem il-fiżjoterapisti. Dan l-argument mhux suffiċjenti biex juri prima facie b'mod oġġettiv li l-interessi tal-fiżjoterapisti ser ikunu preġudikati. Tajjeb li jiġi kwotat f'dan il-kuntest dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-dikriet tagħha tat-18 ta' Lulju 2008, fil-kawża* ***Av. Dr John Gauci noe vs Direttur tal-Kuntratti:*** *"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandiex tintuża bħala arma ta theddid jew ġegħill (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din";*

26. *Illi wieħed irid jifhem li l-għaxar professjonijiet li jikkostitwixxu l-Allied Health Care Professionals għandhom degree ekwivalenti għal xulxin iżda jikkonċernaw "areas" differenti. Bħala paragun, l-għalliema ta' suġġetti differenti kollha għandhom warrant biex jipprattikaw il-professjoni iżda jkopru suġġetti ta' tagħlim differenti iżda ċertament il-fatt li jagħmel suġġett differenti ma jsegwix li għandhom jinqasmu*

*f'kategoriji skont is-suġġett li jgħallmu. Illi l-istess jingħad fil-każ odjern fejn għandna l-Allied Health Care Professionals bi professjonisti li jipprattikaw il-professjonijiet fis-suġġetti tagħhom wara li jottjenu l-warrant;*

27. *Illi wkoll, l-għaxar professjonijiet li jikkostitwixxu l-Allied Health Professionals huma regolati b'Sectorial Agreement wieħed għax għalkemm huma professjonijiet differenti huma jaqgħu taħt l-istess kategorija. Iktar minn hekk, dan is-Sectorial Agreement jistipula li is-Service Managers huma responsabbli għas-servizzi li jagħtu l-Allied Health Professionals kollha u mhux għal xi kategorija waħda biss ta' dawn is-servizzi. Għalhekk ma jagħmilx sens li dan is-Sectorial Agreement jiġi spezzettat f'kategoriji iżgħar. Dan ukoll għax ser ikisser struttura ġa stabbilita ta' kif jitmexxew dawn il-professjonijiet fl-isptarijiet jew entitajiet oħra u dan bi preġudizzju għall-istess tmexxija ta' dawn il-professjonijiet li sal-ġurnata tal-lum dawn il-professjonijiet qed jitmexxew minn Top Management Structure waħda;*

28. *Illi aktar minn hekk, l-esponenti jissottomettu li fil-każ odjern mill-fatti jirriżulta li l-UĦM talbet is-sole recognition tal-Allied Health Professionals liema proċess ta' verifika sar. Illi ma kien hemm l-ebda talba tal-MUMN sabiex tiġi rikonoxxuta jew li kkontestat id-deċiżjoni tar-Reġistratur tat-Trade Unions. Lanqas ma rriżulta li l-MUMN oġġezzjonat għat-talba tad-DIER sabiex l-istess MUMN tippreżenta lista tal-membri tagħha;*

29. *Illi l-fatt li l-MUMN ma qablitx mar-riżultat ottenut ma rriżultax jedd u dan stante li l-liġi industrijali hija ċara u timponi fuq ir-reġistratur tat-trade unions li jekk ikollu talba min Union għal-sole recognition dan irid jagħmel il-proċess ta' verifika u l-employer huwa marbut li jinnegozja ftehim kollettiv biss ma' dik il-Union li għandha l-maġġoranza tal-ħaddiema f'dan il-każ tal-Allied Health Care Professionals;*

30. *L-esponenti jissottomettu li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tintrabat mal-fatt jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent tilmenta ma tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Dan jimplika li r-rikorrent għandha ġġib prova li l-preġudizzju li ser issofri huwa wieħed li ma jistax jitranġa u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni;*

31. *Illi l-proċess għall-verifiki sar mir-Reġistratur tat-Trade Unions skont kif jitlob l-A.L. 413.16 li jirregola kif isir il-proċess ta' verifiki, u r-riżultat tal-verifiki wassal għar-rikonoxximent tal-UĦM bħala l-Union li għandha l-maġġoranza ta' membri tal-Allied Health Care Professionals. Dan ifisser ukoll li l-ftehim kollettiv irid jiġi negozjat ma' din l-union. Illi minn imkien ma jirriżulta li l-MUMN talbet li tingħata rikonoxximent*

*tal-Allied Health Care Professionals jew li użat mezzi li setgħet tuża u li għad tista' tuża u ċioe li tikkontesta r-rikonoxximent tal-UĦM. Għalhekk l-esponenti jisottomettu li l-proċedura odjerna kostanti fir-rigward tal-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija kemm irritwali kif ukoll inidoneja u abbużiva u li għalhekk għandha tiġi skartata;*

32. *Għal dak li jipprovdi l-Artikolu 873(3) tal-Kap 12, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma għandux ir-rekwiżiti tal-proporzjonalità. Fuq dan il-punt ta' proporzjonalità, li jrid jiġi stabbilit f'dan il mandat hu li fil-każ li r-rikors għall-mandat ma jintlaqax, ikun ser jinħoloq preġudizzju li jkun sproporzjonat u ta' żvantaġġ għar-rikorrent. Is-sentenza* ***Jeffrey Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet*** *tal-31 ta' Lulju 2013 il-Qorti spjegat dan il-punt billi qalet li l-Qorti trid tkun sodisfatta li "wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma". Għalhekk, il-preġudizzju jkun akbar li kieku in-negozjati ma jibdewx. Dan għaliex ikun qed iżomm l-impjegati kollha tal-Allied Health Professionals milli jkollhom ftehim kollettiv ġdid, inkluż il-fiżjoterapisti. Għalhekk, il-preġudizzju li ser isofru l-impjegati tal-Allied Health Professionals, inkluż il-fiżjoterapisti ser ikun ħafna akbar li kieku dan il-mandat jiġi milqugħ milli jkunu ser isofru r-rikorrenti li kieku l-mandat jiġi miċħud;*

33. *Illi meta wieħed jeżamina l-preġudizzju jew hardship li jista' jġarrab il-Gvern ma' dak li jistgħu jsofru r-rikorrenti li kieku kellu jintlaqa' l-mandat, il-preġudizzju li ser isofri l-Gvern huwa ferm ikbar. Dan għaliex huwa manifest li l-għan tal-ftehim kollettiv u n-negozjati tal-istess huwa li jħares l-interessi tal-ħaddiema u li tali ftehim kollettiv isir mal-union li għandha l-maġġoranza tal-istess ħaddiema sabiex titkellem u twassal ix-xewqat tagħhom tramite dik il-union li l-ħaddiema għandhom il-fiduċja fiha u li tirrappreżentahom. Jekk dan il-mandat jiġi milqugħ ikun ifisser li dawn il-ħaddiema tal-Gvern ser jiġu mċaħħda min ftehim kollettiv ġdid fiż-żmien qarib jew addirittura li l-ftehim kollettiv ma jsirx mal-union li għandha l-maġġoranza tal-Allied Health Professionals;*

34. *Illi għalhekk ai termini tal-Artikolu 873 tal-Kap 12, dina l-Onorabbli Qorti ma għandiex toħroġ il-mandat in kwistjoni peress li ma jikkostitwixxix l-elementi neċessarji għall-ħruġ tal-mandat u t-talba għall-ħruġ tal-Mandat t'inibizzjoni għandha tiġi miċħuda;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-Ispejjeż.*

Rat ir-Risposta tal-**Union Ħaddiema Magħqudin - Voice of the Workers,** (minn issa 'l quddiem "il-UĦM"), ippreżentata fis-7 ta' Ottubru, 2019 fl-atti ta' dan il-mandat, wara li ġiet awtorizzata tintervjeni permezz ta' digriet tat-2 ta' Ottubru 2019, li tgħid kif ġej:

*Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub ma għandux jintlaqa' u għandu jiġi revokat id-digriet li permezz tiegħu ġie milqugħ b'mod provviżorju, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*Qabel xejn irid jingħad illi l-Mandat mitlub huwa msejjes fuq premessi żbaljati u legalment u fattwalment infondati.*

*Għall-kronaka imma ukoll sabiex dak hawn fuq premess jista' jagħmel sens, jinġiebu is-segwenti fatti, fuq livell prima facie, għall-aħjar attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Fis-sena 1993, bħala parti mir-riforma li saret fis-Settur Pubbliku, kien ġie deċiż liema professjonijiet jikkostitwixxu l-paramediċi, u f'dan il-kuntest qed jiġi esebit u mmarkat DOK A parti mill-ftehim datat 3 ta' Ġunju 1993 u li miegħu hemm Annex A, bil-lista ta' paramediċi. Kif jidher anke mill-istess ftehim, kienu l-Union esponenta flimkien mal-GWU li rrappreżentaw lill-paramediċi kollha hemmhekk indikati.*

*Fis-sena 2013, appuntu fi Frar 2013, ġie ffirmat Sectoral Agreement DOK B bejn il-Gvern u l-GWU (anke jekk din il-Union ma pparteċipatx fil-firem tal-istess) u l-UĦM appuntu relattiv għall-Allied Health Professionals fis-Servizz Pubbliku, b'hekk, il-paramediċi bdew jissejħu Allied Health Professionals u dan l-agreement kien relattiv għall-gradi u skali tagħhom u l-kundizzjonijiet tax-xogħol relattivi.*

*F'Awwissu 2016, l-MUMN talbet għall-għarfien biss u esklussivament tal-fiżjoterapisti, ossia, sezzjoni waħda minn 12 il-paramediku differenti jew Allied Health Professionals differenti, imma sezzjoni waħda minn grupp sħiħ ta' ħaddiema hekk issa msejħa Allied Health Professionals.*

*Il-UĦM esponenti oġġezzjonat għal din it-talba anke in linea mal-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv 2011-2016, allura applikabbli, u senjatament ai termini ta' klawsola 7 tiegħu, DOK C, fejn jippermetti talba bħal dik li saret mill-MUMN biss "where a class of employees is not regulated by a sectoral agreement" – meta f'dan il-każ, kif hawn fuq premess, il-ħaddiema de quo kienu milquta u regolati bis-sectoral agreement.*

*F'dak il-perjodu u żmien, skattat serje ta' korrispondenza, DOK D, minn fejn jirriżulta illi d-Direttur Ġenerali (People and Standards) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ddeċieda illi l-MUMN setgħu jpoġġu fuq il-mejda tan-negozjati mal-UĦM imma b'daqsekk ma kienx qed jfisser illi l-fiżjoterpisti huma splinter group, jew kif komunament magħruf, separate bargaining entity, tant illi fl-email ta' Joyce Cassar (30.09.2016 09:25) hi tghid "the office wishes to confirm that this will not lead to the formation of a splinter agreement, but reaffirms that they shall remain an integral part and be governed by the Allied Professionals' Sectoral Agreement". Kif jirriżulta mill-emails li segwew, (06.10.2016 12:21), dan kien ifisser illi l-MUMN tkun qed tipparteċipa fil-Ftehim Settorjali. Illi dan kien ifisser illi d-Direttur Ġenerali msemmi tat rikonoxximent lill-MUMN bi ksur lampanti tal-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv.*

*In segwitu għal dan, il-UĦM baqgħet titkellem hi għall-fiżjoterapisti u beda skambju ġdid ta' korrispondenza bil-għan illi tiġi riżolta l-pendenza, DOK E.*

*Meta l-pendenzi ma rrisolvewx ruħhom, l-UĦM ma kellhiex alternattiva għajr li tirrafferma l-pożizzjoni tagħha billi titlob ir-rikonoxximent ewlieni tal-Allied Health Professionals employed within the Public Service, DOK F, jiġifieri, appunti dik il-lista sħiħa inkorporata f'Appendix A ma' DOK A.*

*Illi in segwitu għal din it-talba sar il-proċess ta' verifiki kif iridu r-regolamenti 452.112 minn fejn jirriżulta ċar DOK G illi:*

*L-għan ta' dan il-proċess kien li jiġi vverifikat jekk il-UĦM għandhiex bħala membri l-maġġoranza tal-impjegati ngaġġati bħala Allied Health Professionals mas-Servizz Pubbliku.*

*Id-DIER ikkonferma li minn dan il-proċess ta' verifika rriżulta illi fir-rigward tal-Allied Health Professionals, l-UĦM tgawdi 58% tal-impjegati.*

*Illi jingħad bir-rispett, illi kwalsiasi konklużjoni oħra li setgħet waslet għaliha d-DIER kien ultra vires l-iskop tar-remit tagħha kif dikjarat minnha stess u hawn fuq kkwotat. Il-fatto sta illi l-proċess ta' verifika kien mitlub għall-ħaddiema Allied Health Professionals fis-Servizz Pubbliku – u dak ta riżultat ta' maġġoranza assoluta lill-UĦM.*

*In segwitu appuntu għall-proċess ta' verifika, il-UĦM ingħatat ir-rikonoxximent ewlieni tal-Allied Health Care Professionals DOK H, mingħajr esklużjoni jew riservi.*

*Fid-dawl tal-premessi fatti għalhekk, isiru s-segwenti osservazzjonijiet:*

a) *Fl-ewwel lok illi hija skorretta fattwalment u legalment il-Union tirreferi fl-ewwel premessa tagħha għal Ftehim Kollettiv – hawnhekk si tratta ta' ftehim settorali għal settur partikolari bl-isem ta' Allied Health Care Professionals, konsistenti fil-professjonijiet kollha flimkien elenkati fl-Annex A ma' DOK A.*

b) *Fit-tieni lok, hija ukoll skorretta fattwalment u legalment il-Union rikorrenti tirreferi fl-ewwel premessa tagħha għall-fiżjoterapisti mpjegati fis-settur pubbliku, in kwantu illi l-istorja kollha li wasslet għal din il-vertenza u kif hawn fuq elenkata, tirreferi għall-fiżjoterapisti fis-Servizz Pubbliku. Għall-aħjar attenzjoni tal-Onorabbli Qorti qed tiġi annessa DOK I – estratt mill-portal tas-Servizz Pubbliku u li tispjega aħjar id-distinzjoni bejniethom. Fuq livell superfiċjali imma forsi sempliċi, impjegati fis-Servizz Pubbliku huma dawk li jaħdmu fil-Ministeri u Dipartimenti kif ingaġġati bil-proċess solitu tal-PSC, filwaqt illi impjegati fis-Settur Pubbliku jinkludu dawk impjegati mingħajr il-proċess tal-PSC u direttament minn Fondazzjonijiet, entitajiet etc.*

c) *Kwindi, irid jingħad illi hija konfużjoni manja da parti tal-MUMN illi titkellem u tippremetti dwar il-ħaddiema fis-Settur Pubbliku u tinkludi f'daqqa u f'borma waħda lil dawk li jaħdmu "mad-Dipartiment tas-Saħħa" bl-istess mod kif inkludiet lil dawk li jaħdmu "ma' istituzzjonijiet mediċi".*

d) *Jibqa' l-fatt li l-ftehim settorali mertu tal-vertenza jkopri ħaddiema, inkluż fiżjoterapisti, fis-servizz pubbliku u mhux fis-settur pubbliku, kif jidher illi l-MUMN qed tfittex illi tirrappreżenta.*

e) *Fuq hekk biss, ukoll din l-Onorabbli Qorti ma tistax tkun konvinta illi jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi biex jintlaqa' l-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub.*

f) *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad ulterjorment l-MUMN hija ukoll fattwalment u legalment skorretta meta tippremetti illi "din il-klassi ta' Allied Health Care Professionals, illi tikkompredi wkoll il-fiżjoterapisti, ma tikkostitwix grupp li huwa maħluq jew regolat bil-liġi, u għalhekk ma hemm ebda norma jew regola tassattiva illi ftehim kollettiv għandu jiġi negozjat u konkluż b'mod li jkun jirregola l-health care professionals kollha….".*

g) *Issir referenza għal DOK A esebit, li huwa ftehim settorjali u li għandu saħħa ta' liġi bejn il-partijiet. Għax jekk mhux regolati b'liġi imma regolati b'kuntratt, huwa paċifiku jingħad illi ftehim kollettiv u/jew settorjali jagħmel liġi bejn il-partijiet. Issir hawnhekk referenza għad-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-*

*atti tal-mandat ta' Inibizzjoni* ***Airmalta plc vs AAOC*** *() fejn il-Qorti, ġiustament, tgħid:*

*"... fil-liġi tagħna ftehim kollettiv għandu saħħa ta' liġi u jorbot lill-partijiet li jkunu daħlu għalih bħal ma jorbtu l-kuntratti magħmula sewwa taħt il-liġi."*

*Ċertament għalhekk illi l-premessa tal-MUMN kkwotata f'para (f) hija għalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt.*

h) *Illi skorretta ukoll il-premessa tar-rikorrenti illi "f'Settembru 2016, l-MUMN kienet ingħatat is-sole recognition tal-fiżjoterapisti li jaħdmu fis-settur pubbliku". Dan qed jingħad għal żewġ raġunijiet, fl-ewwel lok illi mhu veru xejn illi l-MUMN ngħatat sole recognition, dak li ngħatat kien id-dritt illi tipparteċipa fin-negozjati flimkien mal-UĦM, altru ghalhekk milli sole, u fit-tieni lok, fi kliem l-intimati stess, ma nħoloq ebda splinter agreement imma baqgħu, il-fiżjoterapisti, kolpiti bl-istess ftehim settorjali – vide DOK D għal dan kollu.*

i) *Li jmur biex juri ukoll kif inhi żbaljata fattwalment u legalment premessa oħra tal-MUMN fit-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat, ossia meta tgħid illi "l-MUMN kienet ingħatat u għad għandha s-sole recognition għandhom id-dritt li l-ftehim kollettiv tagħhom jigi diskuss u negozjat mill-MUMN" – għaliex mhux biss, kif fuq jintqal, qatt ma ngħataw is-sole recognition, imma ulterjorment lanqas ma setgħu, in ogni caso, jinnegozjaw ftehim solament u esklussivament għall-fiżjoterapisti. Dan apparti l-konfużjoni manja fir-rikors bejn ftehim kollettiv u ftehim settorjali – qisu illi għall-MUMN, qed nitkellmu fuq l-istess ħaġa.*

j) *Magħduda u sollevati dawn l-ineżattezzi, l-anomaliji, il-konfużjoni u l-premessi fattwalment u legalment żbaljati li fuqhom hija msejsa t-talba tar-rikorrenti, u li, jiġi umilment premess, fuq hekk biss, il-Mandat għandu jiġi miċħud peress illi fattwalment ma jistax jigi ppruvat, imqar fuq livell prima facie, dak allegat, il-Union mittenti sejra issa tgħaddi biex taghmel ftit osservazzjonijiet legali mingħajr preġudizzju għas-suespost.*

k) *Il-Union esponenta sejra tagħmel referenza għal digriet tassew ben strutturat ta' din l-istess Onorabbli Qorti f'atti ta' Inibizzjoni iehor*[1]*, u sejra, bl-istess struttura hemmhekk użata, tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tal-ħames elementi li jridu jirriżultaw biex tirnexxi t-talba li qed issir.*

[1] Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 556/2019/1LM **Alan Abdilla** (K.I. 566278M**) u martu Ramona Abdilla** (K.I. 629682M) **vs Wayne McKay** (K.I. 299384M).

l) *L-Artiklu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni - l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat. Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12 - Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet. Dan huwa l-punt tat-tluq.*

m) *Din l-Onorabbli Qorti, fid-deċiżjoni tagħha ċitata, tgħid illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni – u tlieta oħra illi jirriżultaw mill-ġurisprudenza.*

n) *Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ periculum in mora;*

o) *Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et****: "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."; Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Angelo Xuereb et noe vs. Marin Hili et noe*** *(Rikors Numru 3135/94) tispjega: "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li*

*m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".*

p) *Ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet* ***Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré*** *sostniet is-segwenti: "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat." Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati tagħna fosthom, inter alia, fil-proċeduri fl-ismijiet* ***Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et*** *(Rikors Nru. 3984/92),* ***Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et*** *(Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet* ***Perit John Gambina vs. Fithome Limited,*** *P.A., 28.01.2005. Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi. Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

q) *Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici***: "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

r) *Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din.*

s) *Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

t) *B'dan l-insenjament meqjus ta' din l-Onorabbli Qorti, isiru s-segwenti sottomissjonijiet li ċertament għandhom jikkonvinċu lill-istess Qorti illi waħda jew aktar mill-elementi rikjesti ma hix sodisfatta, u kwindi, għax huma elementi kumulattivi, ċertament illi l-Mandat ma jistax jintlaqa`.*

u) *Irid jingħad, b'żieda ma' dak li jingħad aktar 'il fuq, ossia, it-taħwida manja, l-ineżattezzi u l-inkorrettezzi fattwali u legali kif premessi mill-Union rikorrenti MUMN, illi d-dritt pretiż mill-MUMN, naxxenti minn dak li hi tallega, ossia, illi ngħatat ir-rikonoxximent ewlieni għall-fiżjoterapisti, ma jista' jirriżulta qatt. Ma jista' qatt jirriżulta lil din l-Onorabbli Qorti, lanqas fuq livell prima facie, illi l-MUMN għandha dan id-dritt. Għaliex huwa r-rikonoxximent illi jagħti d-dritt lil Union li tinnegozja u tikkonkludi ftehim kollettiv/settorjali.*

v) *L-MUMN tippremetti illi f'Settembru 2016 ngħatat is-sole recognition tal-fiżjoterapisti. Apparti mill-fatt, kif fuq sottomess, illi dan mhux minnu, imma ma tafx*

*l-MUMN illi dak l-akkadut, in ogni caso, ġie sorvolat by the subsequent sequence of events u llum, ai termini, mhux ta' deċiżjoni ta' persuna b'mod unilaterali, imma ta' proċess ta' verifika magħmul ai termini tar-regolamenti appositi SL 452.9, il-UM ngħatat ir-rikonoxximent tal-Allied Health Care Professionals, inkluż mill-fiżjoterapisti? Fejn hu allura l-jedd pretiż jekk dak li l-jedd jista' jiġi bbażat fuqu ma jeżistix?*

w) *L-MUMN, ai termini tal-istess regolament msemmija (klawsola 5), hija addirittura projbita milli tintervjeni f'materji kollettivi mal-Management fir-rigward tal-ħaddiema de quo, f'dan il-każ, l-Allied Health Care Professionals, u semmai, jekk trid, ai termini tal-klawsola 4(1) tal-istess regolamenti, tista' tavvanza hi talba għal rikonoxximent fi żmien sena mid-deċiżjoni tad-DIER – DOK G. Fil-frattemp, u allura anke fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-MUMN imissha taf illi mhux biss ma jeżistix il-jedd li tippretendi li għandha, iżda lanqas ma jeżisti 'l hekk imsejjaħ periculum in mora.*

x) *Illi in kwantu l-preġudizzju – l-MUMN imissha taf aħjar x'għandha tagħmel. Una volta tippretendi li tirrappreżenta lill-fiżjoterapisti waħedhom, imissha taf illi għandha qabel xejn tivvanta l-proċeduri idoneji sabiex il-fiżjoterapisti, jekk inhu l-każ, jiġu meqjusa a separate bargaining entity. Fi kliem l-istess Union, fi stqarrija għall-Istampa tal-4 ta' Settembru 2019 – DOK J – il-Union tispiċċa l-istqarrija billi tgħid "it is time that the Physiotherapists will not form part of the Allied Health professionals anymore and be an independent profession like most other respected professions". Ex admissis allura, il-MUMN taċċetta illi l-fiżjoterapisti jifformaw parti mill-Allied Health Professionals, ta' liema ħaddiema jiġi aċċertat mid-DIER, skont il-liġi, illi l-UĦM hija u għandha tkun, l-uniku Union rappreżentattiva ta' dawn il-ħaddiema għal dan is-sectoral agreement. Għalhekk ukoll illi l-MUMN ma għandha ebda jedd x'tivvanta f'dawn il-proċeduri, wisq aktar x'tipproteġi.*

y) *Irid jingħad ulterjorment illi l-MUMN qatt ma pprotestat fuq it-terms of remit li kellu d-DIER biex jagħmel il-verifika – anzi, pparteċipat fl-istess proċess. Kellu kull dritt illi jipprotesta ruħu, kull dritt illi jressaq pretensjonijiet dakinhar u seta' anke ttenta l-mandat ta' Inibizzjoni dak in-nhar kontra d-DIER – ħaġa li ma għamilx. Għaliex issa li rriżulta illi l-MUMN ma tistax tingħata r-rikonoxximent, u rriżulta illi l-awtoritajiet, leġittimament u korrettament taw r-rikonoxximent lill-UĦM, allura issa l-MUMN tittenta Mandat ta' Inibizzjoni – u jekk dan mhux arm twisting, allura x'inhu? Jekk dan mhux attentat biex titpoġġa sarima fuq il-prinċipal tal-ħaddiema de quo (u*

*jingħad, anke fuq ir-rappreżentanti trejd unjonistiċi tagħhom) – allura x'jista' jkun ta' sarima?*

z) *Finalment, il-Union rikorrenti MUMN titkellem fuq id-dritt fondamentali tal-assoċjazzjoni. Apparti mill-fatt li ħadd mhu qed iċaħħad id-dritt tal-fiżjoterapisti milli jissieħbu fil-Union li jidhrilhom huma, imma ċertament illi dak ma jagħtix xi dritt lil MUMN ta' rappreżentanza, dritt illi bil-proċeduri meħuda, bil-liġi kif inhi u b'rispett lejn id-demokrazija industrijali, tibqa' vestita fil-UĦM. Għaliex hija regola bażika ta' demokrazija industrijali li kemm il-konsultazzjoni u kif ukoll in-negozjar dwar kundizzjonijiet ta' impjieg isiru ma' rappreżentanti effettivi tal-ħaddiema milquta.*

aa) *Finalment irid jingħad illi, kif ġia kellha okkażjoni tistqarr din il-Qorti diversament preseduta, "li l-proċedura għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tistax tintuża biex prinċipal (kemm jekk ikun is-settur privat u kif ukoll jekk ikun mis-settur pubbliku) jiġi mġiegħel jagħti għarfien lil xi rappreżentanti ta' kategorija ta' impjegati għall-finijiet ta' negozjati dwar ftehim kollettiv għaliex Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirrigwarda obbligazzjoni "di non fare" (P.A. 23.4.1958 fil-kawża fl-ismijiet* ***Zerafa vs Buhagiar*** *(Kollez. Vol: XLII.ii.983)*[2]

*Fid-dawl ta' dak hawnekk premess għalhekk, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba illi tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat filwaqt illi tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha fejn laqgħetu provviżorjament.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2019, fejn l-awtoritajiet governattivi intimati ddikjaraw fil-miftuħ għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kap. 12, li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma bil-ħruġ tal-Mandat, fil-fatt hija maħsuba li ssir.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

---

[2] 25.10.2007: Mandat Numru 18454/2007/JRM - Kevin CASSAR, Et. vs ONOREVOLI PRIM MINISTRU u d-Direttur Ġenerali Diviżjoni tas-Saħħa.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2019, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qiegħed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tal-azzjoni odjerna, il-Malta Union of Midwives and Nurses qiegħda titlob lill-Qorti twaqqaf lill-awtoritajiet intimati u lill-Union Ħaddiema Magħqudin milli jibdew negozjati, jew f'każ li tali negozjati diġà bdew, milli jkomplu b'tali negozjati, bil-ħsieb li jiġi konkluż u ffirmat il-ftehim kollettiv, jissejjaħ kif jissejjaħ, li għandu jirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-fiżjoterapisti impjegati mas-settur pubbliku li jinkludu dawk il-fiżjoterapisti li jaħdmu mad-Dipartiment tas-Saħħa u l-istituzzjonijiet mediċi li jaqgħu taħtu u lil dawk il-fiżjoterapisti impjegati f'diviżjonijiet, dipartimenti u istituzzjonijiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, u dan għaliex il-MUMN qiegħda tippretendi li għandha tkun hi li tinnegozja dan il-ftehim kollettiv f'isem dawn il-fiżjoterapisti impjegati. Jirriżulta mill-atti li seħħew għadd ta' avvenimenti li wasslu għal din it-tilwima bejn il-unions involuti, u dwar liema waħda minnhom għandha d-dritt li tirrappreżenta lill-

fiżjoterapisti fis-settur pubbliku madwar il-mejda tan-negozjati, u dan wara li jirriżulta mill-atti li fl-aħħar snin, il-fiżjoterapisti kienu jiffurmaw parti minn grupp ta' paramediċi li għall-finijiet tal-ftehim settorali li jirregola dan il-qasam fis-settur pubbliku, bdew jissejħu *allied health care professionals.* L-ewwel darba li kien hemm ftehim settorali li ħaseb għal dan il-qasam ta' professjonisti kien fl-1994, u dak iż-żmien in-negozjati mal-Gvern kienu saru mill-General Workers Union u mill-UĦM. Fl-2016, l-MUMN, li ġiet imwaqqfa fl-1996, talbet lir-Reġistratur tat-Trade Unions jirrikonoxxiha bħala l-union ewlenija li tirrappreżenta lill-fiżjoterapisti, u wara li sar eżerċizzju ta' verifika, ġie stabbilit li l-MUMN għandha msieħba magħha l-maġġoranza tal-fiżjoterapisti fis-settur pubbliku. Minkejja dan, il-fiżjoterapisti xorta waħda baqgħu regolati mill-ftehim settorali li kien ġie maqbul fir-rigward tal-*allied health care professionals* kollha. Minkejja li fl-2016 ġie stabbilit li l-MUMN kellha rikonoxximent ewlieni tal-fiżjoterapisti, ma nħassx il-bżonn li din tinnegozja xi tip ta' ftehim f'isem din il-kategorija ta' ħaddiema rappreżentati minnha. Sadanittant kien hemm il-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar il-ftehim settorali l-ġdid li kellu jirregola lill-*allied health care professionals* kollha, u fl-2019, meta kienu diġà saru għadd ta' laqgħat u bdew in-negozjati, il-UĦM talbet lir-Reġistratur tal-Unions jagħrafha bħala l-union ewlenija li tirrappreżenta lill-*allied health care professionals* kollha fis-servizz pubbliku, li magħhom hemm inklużi wkoll il-fiżjoterapisti. Wara li sar eżerċizzju ta' verifika ieħor, ġie stabbilit li l-UĦM għandha msieħba magħha l-maġġoranza tal-*allied health care professionals* fis-servizz pubbliku. L-MUMN, li sadanittant bl-ebda mod ma talbet li ssir verifika ulterjuri fir-rigward tal-

membri tagħha, u li ma kkontestatx ir-riżultat ta' din il-verifika bl-ebda mod, permezz ta' dan il-Mandat qiegħda issa tittenta twaqqaf in-negozjati li hemm il-ħsieb li jwasslu għall-konklużjoni ta' ftehim settorali bejn il-Gvern u l-UĦM f'isem l-*allied health care professionals.* L-argument ewlieni tal-MUMN huwa li ladarba ġie stabbilit li hija għandha msieħba magħha l-maġġoranza tal-fiżjoterapisti, għandha tkun hi li tinnegozja f'isimhom l-ftehim kollettiv mal-Gvern, u dan anki sabiex jiġi rispettat id-dritt fundamentali ta' assoċjazzjoni ta' dawn il-ħaddiema, kif ukoll fl-interess tad-demokrazija industrijali.

Min-naħa l-oħra l-awtoritajiet governattivi intimati qegħdin isostnu li l-Gvern huwa marbut li jinnegozja mal-union li għandha r-rikonoxximent ewlieni fir-rigward tal-*allied health care professionals*. L-intimati qalu li wara li sar l-aħħar proċess ta' verifika, irriżulta li l-UĦM għandha msieħba magħha l-maġġoranza tal-*allied health care professionals*, u għalhekk din għandha dritt li tinnegozja f'isem dan is-settur ta' ħaddiema fi kwalsiasi negozjati li qegħdin isiru mal-Gvern. L-intimati qajmu wkoll l-eċċezzjoni li f'każ li dan il-mandat jintlaqa', ser ikun hemm preġudizzju sproporzjonat minħabba li ser jitwaqqfu n-negozjati li huma intiżi biex iħarsu l-jeddijiet tal-*allied health care professionals* għal perijodu indefinit.

Min-naħa tagħha l-intervenuta f'dawn il-proċeduri UĦM eċċepiet li kienet l-MUMN li ma mxietx ma' dak li jipprovdi l-ftehim settorali meta talbet għarfien fir-rigward tas-settur tal-fiżjoterapisti, li hija waħda mill-professjonijiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' *allied health care professionals,* u qalet li talba bħal dik setgħet issir biss fir-rigward ta'

ħaddiema li mhumiex regolati bi ftehim settorali. F'dan il-każ il-fiżjoterapisti kienu regolati bil-ftehim settorali li kien jolqot lill-*allied health care professionals* kollha. Ġie eċċepit ukoll li l-fatt li l-MUMN ingħatat id-dritt li tkun preżenti waqt il-laqgħat u l-konsultazzjonijiet li qegħdin isiru, ma jfissirx b'daqshekk li din għandha dritt tinnegozja *splinter agreement* f'isem il-grupp ta' ħaddiema li huma rappreżentati minnha, u lanqas ma jfisser li l-fiżjoterapisti għandhom jitqiesu bħala *a separate bargaining entity.*

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-UĦM ippreżentat kopja ta' dokument li kien jifforma parti mill-ftehim settorali tat-3 ta' Ġunju, 1993, fejn hemm elenku tal-ħaddiema ingaġġati mas-servizz pubbliku li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' 'paramediċi'.[3] Il-klawsola relattiva taqra:

> *"The designation 'Paramedic' includes: Medical Laboratory Technologists; Physiotherapists; Radiographers (Diagnostic); Radiographers (Radiotherapy); Occupational Therapist; Speech Therapist; Dental Technologist; Dental Hygienist; Podologist; Orthoptist; Audiology Technologist; Neurophysiology Technologist."*

Ġiet ppreżentata wkoll kopja tal-ftehim iffirmat fl-14 ta' Frar, 2013 bejn il-Gvern, il-General Workers Union u l-Union Ħaddiema Magħqudin fir-rigward tal-*allied health professionals* impjegati fis-servizz pubbliku[4]; kopja ta' *email* mibgħuta fis-6 ta' Ottubru, 2016 minn Joyce Cassar, Direttur Ġenerali (People

---

[3] *A fol.* 27 tal-proċess.
[4] *A fol.* 30 tal-proċess.

and Standards) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru lill-UĦM[5], fejn din ikkonfermat li l-MUMN ser tkun qiegħda tipparteċipa fin-negozjati tal-ftehim settorali, għalkemm f'*email* preċedenti tat-30 ta' Settembru, 2016, kien ġie ppuntwalizzat illi:

> *"The Administration received a claim from the MUMN that they represent the absolute majority of Physiotherapists. Whilst the administration considers issues regarding recognition of employees as issues to be dealt with between unions, it is still under the obligation to respect the employees' right of assocation thus promoting industrial democrary. Notwithstanding that this will be assessed within a framework.*
>
> *Allow me to bring to your esteemed attention that, as you had been informed, the Administration had requested the DIER to proceed with the verification. The Administration awarded recognition to the MUMN on the basis of the result that the MUMN represents the absolute majority of Physiotherapists.*
>
> *This office wishes to confirm that this will not lead to the formation of a splinter agreement, but reaffirms that they shall remain an integral part and be governed by the Allied Professionals' Sectoral Agreement."*

Il-UĦM ippreżentat ukoll kopja ta' rapport bid-data tat-2 ta' Settembru, 2019[6], dwar il-proċess ta' verifika li sar fir-rigward tas-sħubija trejdunjonistika, fejn jirriżulta li l-UĦM għandha rappreżentanza ta' 58% tal-*allied health professionals.* Fir-rigward tal-fiżjoterapisti, jirriżulta li l-UĦM għandha rappreżentanza ta' 14% tal-fiżjoterapisti, filwaqt li l-MUMN għandha rappreżentanza ta' 60% tal-fiżjoterapisti. Ġiet ippreżentata wkoll kopja ta' stqarrija għall-istampa maħruġa mill-MUMN fl-4 ta' Settembru, 2019.[7]

[5] *A fol.* 39 tal-proċess.
[6] *A fol.* 51 tal-proċess.
[7] *A fol.* 54 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2019, xehed **Colin Galea,** Segretarju Ġenerali tal-MUMN[8], li kkonferma li l-fiżjoterapisti jiffurmaw parti mill-*allied health professionals.* Ix-xhud spjega li meta l-MUMN għamlet proċess ta' verifika, kien ġie stabbilit anki mid-Direttur tax-Xogħol, li l-verifika kienet limitata biss għall-ħaddiema li huma fiżjoterapisti, u dan minkejja li l-MUMN għandha bħala imsieħba magħha, professjonisti oħra li wkoll jaqgħu taħt is-settur tal-*allied health professionals.* Ix-xhud qal li kienet il-UĦM li talbet li jsir proċess ta' verifika fir-rigward tal-*allied health professionals* kollha ingaġġati mas-servizz pubbliku, u dan sar wara li l-UĦM talbet għarfien ewlieni għall-finijiet tan-negozjati li jridu jsiru biex jiġi ffirmat ftehim settorali għall-*allied health professionals.* Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-MUMN ma talbitx li jsir eżerċizzju ulterjuri ta' verifika fir-rigward tal-*allied health professionals* kollha. Ix-xhud ikkonferma li aktar kmieni din is-sena kien qiegħed jiġi nnegozjat ftehim settorali għall-*allied health professionals,* liema negozjati kellhom jitwaqqfu, u qal ukoll li f'dan il-każ, sakemm jiġi nnegozjat il-ftehim kollettiv il-ġdid, il-ħaddiema ser jibqgħu regolati bil-ftehim preċedenti. Ix-xhud ikkonferma li l-MUMN ma kinitx firmatarja tal-ftehim kollettiv li kien hemm qabel. Qal li l-MUMN għamlet talba biex il-fiżjoterapisti jiġu meqjusa bħala entità separata minħabba li meta beda jiġi nnegozjat l-aħħar ftehim, kien hemm oġġezzjonijiet da parti tal-UĦM kull darba li kienu jsiru laqgħat u negozjati u fuq il-mejda tan-negozjati kien ikun hemm preżenti rappreżentanti tal-MUMN. Qal li dawn kienu ċirkostanzi straordinarji li nneċessitaw li l-MUMN titlob li jiġi ffirmat ftehim kollettiv għall-fiżjoterapisti li fil-maġġoranza tagħhom huma membri

[8] *A fol.* 58 tal-proċess.

tagħha. Ix-xhud qal li jkun ideali li t-tliet unions jinġabru madwar l-istess mejda, iżda jekk dan ma jibqax possibbli, ikun jagħmel sens li l-fiżjoterapisti jinqatgħu għalihom u jinnegozjaw ftehim għalihom. Għad-domandi li sarulu in rieżami, ix-xhud wieġeb li l-MUMN kienet parti min-negozjati dwar il-ftehim kollettiv il-ġdid għax il-Gvern irrikonoxxa li l-MUMN għandha *sole recognition* tal-fiżjoterapisti.

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Jean Paul Gauci**, Assistent Direttur tal-UĦM-Voice of the Workers, responsabbli mit-Taqsima tas-Saħħa[9], li għamel riferiment għall-ftehim tal-1993 u għal-lista ta' professjonisti fil-qasam tas-saħħa li għandhom jitqiesu bħala 'paramediċi'. Qal li dik il-lista ma nbidlitx wara l-1993, u dan minkejja li fl-2013 il-UĦM kienet iffirmat ftehim settorali ġdid fir-rigward tal-paramediċi kollha, li bdew jiġu regolati bħala *allied health care professionals.* Spjega kif fl-2016 l-MUMN talbet għarfien bħala union ewlenija li tirrappreżenta l-interessi tal-fiżjoterapisti, u kif dak iż-żmien min-naħa tal-UĦM kien hemm korrispondenza mad-Direttur Ġenerali tal-PAHRO, fis-sens li jekk kien ser isir proċess ta' verifika sabiex jiġi stabbilit li l-MUMN tirrappreżenta l-interessi tal-fiżjoterapisti, dan kien ser isir bi ksur tal-ftehim kollettiv taċ-Ċivil ta' dak iż-żmien. Kompla jgħid li għall-UĦM, dak iż-żmien l-istorja waqfet hemm. Kien biss meta l-UĦM ġiet infurmata mid-Direttur Ġenerali (People and Standards) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li kien ingħata għarfien lill-MUMN fir-rigward tal-interessi tal-fiżjoterapisti, li l-UĦM reġgħet ikkomunikat l-oġġezzjonijiet tagħha għal dan. Ix-xhud żied jgħid li dak iż-żmien, l-istess Direttur Ġenerali kienet qalet li minkejja l-għarfien tar-rwol tal-MUMN

[9] *A fol.* 81 tal-proċess.

min-naħa tal-Gvern, dan ma kellux jiġi interpretat fis-sens li l-Gvern kien qiegħed jirrikonoxxi l-possibilità li jintlaħaq xi *splinter agreement* għall-ħaddiema li huma fiżjoterapisti. Ix-xhud ikkonferma li min-naħa tal-UĦM intalab eżerċizzju ta' verifika fir-rigward tal-*allied health professionals* kollha, u meta sar dan l-eżerċizzju kien ġie stabbilit li l-UĦM għandha msieħba magħha 58% tal-*allied health professionals.* Qal li konsegwenza ta' dan il-Gvern ta għarfien ewlieni lill-UĦM fir-rigward tal-*allied health professionals*. Ix-xhud qal li l-UĦM qatt ma ġiet infurmata li l-MUMN ingħatat rikonoxximent ewlieni fir-rigward tal-fiżjoterapisti, u min-naħa tad-Direttur Ġenerali (People and Standards) intqal biss li l-MUMN kienet ingħatat għarfien u mhux għarfien ewlieni. Żied jgħid li huwa biss il-Gvern qua *employer* li jista' jagħti għarfien ewlieni, u l-ebda entità oħra, u l-UĦM dejjem kienet tal-fehma li l-MUMN ma kienx postha mal-mejda tan-negozjati li qegħdin isiru mal-Gvern. Ix-xhud qal li l-informazzjoni li kellha l-UĦM kienet li l-MUMN kellha għarfien biex tirrappreżenta lill-fiżjoterapisti bħala parti integrali mill-*allied health professionals,* u mhux li l-MUMN kellha għarfien ewlieni ta' dan is-settur ta' professjonisti fil-qasam tas-saħħa, u d-Direttur Ġenerali (People and Standards) kienet għamlitha ċara li ma kienx ser isir ftehim settorali għall-fiżjoterapisti, iżda kien ser isir ftehim wieħed li jolqot lill-*allied health professionals* kollha. Ix-xhud kompla jgħid li l-proċess ta' verifika li ntalab mill-UĦM intalab għax il-UĦM riedet tistabbilixxi li hija kellha rappreżentanza tal-*allied health professionals* kollha, u dan l-eżerċizzju ta' verifika li sar fl-2019 kellu jissoppjanta kull eżerċizzju ta' verifika ieħor li sar. Għad-domandi li sarulu mill-Qorti, ix-xhud qal li l-UĦM bdiet tassenti ruħha mil-laqgħat fejn ikun

hemm l-MUMN preżenti għaliex il-UĦM mhix taqbel li l-MUMN tingħata għarfien fuq għaxra fil-mija (10%) biss tal-*allied health professionals,* u l-union li titlob għarfien trid titlob għarfien fir-rigward tal-professjonisti kollha u mhux biss ta' sezzjoni minnhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[10]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'deċiżjonijiet oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb et noe *vs.* Marin Hili et noe** (Rikors Numru 3135/94) kien intqal:

[10] P.A., 13.05.2014.

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[11]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfré**[12] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

[11] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.

[12] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[13]

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[14]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[15]

---

[13] P.A., 25.01.2005.
[14] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[15] **Marica Cassar et *vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

**Ikkonsidrat**:

Bil-ħruġ tal-mandat l-MUMN qiegħda tittenta twaqqaf lill-Union Ħaddiema Magħqudin milli tibda jew tkompli jew tikkonkludi negozjati li għandom iwasslu għall-iffirmar ta' ftehim kollettiv, li b'xi mod ikunu jolqtu l-impjegati fis-settur pubbliku bħala fiżjoterapisti. L-MUMN qiegħda tressaq din it-talba f'kuntest fejn dan is-settur ta' ħaddiema fil-preżent huwa kopert bi ftehim settorali li jirregola lill-*allied health professionals* kollha kemm huma, li huma grupp ta' professjonisti li ġejjin minn għaxar professjonijiet differenti, ilkoll fil-qasam tas-saħħa. Fost dawn il-professjonijiet hemm il-fiżjoterapisti, li minn dejjem kienu koperti bil-ftehim settorali li jirregola mhux biss lilhom iżda lil dawk il-ħaddiema kollha fis-servizz pubbliku li jitqiesu bħala *allied health care professionals*. Jirriżulta mill-atti li fl-2016 l-MUMN kienet talbet lir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jagħmel eżerċizzju ta' verifika, fejn ġie stabbilit li l-maġġor parti tal-fiżjoterapisti ingaġġati fis-servizz pubbliku huma membri tal-MUMN, u f'dan il-kuntest din l-union ingħatat għarfien bħala union li tirrappreżenta l-interessi tal-fiżjoterapisti. Kien f'dan il-kuntest li min-naħa tal-awtoritajiet governattivi l-MUMN bdiet tiġi mistiedna biex tippartecipa flimkien mal-UĦM fin-negozjati dwar ftehim settorali ġdid, għalkemm jirriżulta wkoll li l-UĦM oġġezzjonat għall-preżenza tal-MUMN mal-mejda tan-negozjati. Min-naħa tal-Gvern ġie ppreċiżat li ma kien hemm l-ebda ħsieb li jkun hemm xi *splinter agreement* li bis-saħħa tiegħu l-fiżjoterapisti jkollhom ftehim appożitu għalihom, u l-parteċipazzjoni tal-MUMN fin-negozjati tqieset meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-interessi tal-kategoriji tal-ħaddiema kollha li jaqgħu taħt l-*allied health professionals* ikunu rappreżentati mill-unions tagħhom. Mill-provi

jirriżulta kif minkejja li din il-pożizzjoni ġiet iċċarata min-naħa tal-Gvern, in-negozjati bdew isiru f’ambjent fejn il-UĦM bdiet tirrifjuta li tpoġġi mal-mejda tan-negozjati meta l-MUMN tibgħat l-uffiċjali tagħha għall-imsemmija negozjati. Kien dan li wassal lill-UĦM titlob lir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jagħmel eżerċizzju ta’ verifika ulterjuri li bis-saħħa tiegħu ġie stabbilit li l-UĦM għandha r-rappreżentanza ta’ 58% tal-*allied health professionals*, għalkemm jirriżulta minn dan l-eżerċizzju li sar, li l-maġġoranza tal-fiżjoterapisti huma membri tal-MUMN. Mid-dokumenti li ġew ippreżentati mill-partijiet fil-kawża, jirriżulta li l-fiżjoterapisti qegħdin jinsistu li tkun l-MUMN li tinnegozja dan il-ftehim f’isimhom.

Il-Qorti kkunsidrat li kwalsiasi ftehim li fil-preżent qiegħed jiġi nnegozjat mal-Gvern huwa ftehim li għandu jirregola s-settur tal-*allied health professionals* kollha kemm huma, li minnhom il-fiżjoterapisti jiffurmaw biss għaxra fil-mija (10%). Jirriżulta wkoll li almenu sa issa, mhix l-intenzjoni tal-Gvern li jinnegozja ftehim kollettiv esklussivament għall-fiżjoterapisti, u minkejja dan, il-Gvern xorta waħda jrid jassigura li l-interessi tal-fiżjoterapisti jkunu mħarsa billi mal-mejda tan-negozjati jkun hemm preżenti l-union li huma għażlu biex tirrappreżentahom, li hija l-MUMN. Mill-provi jirriżulta wkoll li fl-eventwalità li l-MUMN tkun trid tinnegozja u tersaq għall-iffirmar ta’ ftehim kollettiv għall-fiżjoterapisti b’mod esklussiv, hemm proċeduri li jridu jiġu segwiti sabiex jiġi assigurat li l-MUMN ikollha għarfien ewlieni ta’ din il-kategorija ta’ ħaddiema fis-settur pubbliku, kif ukoll biex din il-kategorija ta’ ħaddiema tiġi rikonoxxuta bħala *separate bargaining entity.* Kif inhuma l-affarijiet sal-lum, ma jidhirx li l-MUMN għamlet xi talba sabiex tkun tista’ tinnegozja ftehim kollettiv f’isem il-

fiżjoterapisti b'mod separat mill-ftehim settorali li qiegħed jiġi negozjat għall-kumplament tal-*allied health professionals.*

Mill-provi jirriżulta li mill-verifiki li saru, ġie stabbilit li l-UĦM għandha l-għarfien ewlieni tal-*allied health professionals,* u skont klawsola 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.112, ladarba union tiġi rikonoxxuta bħala l-unika union li tista' tinnegozja fuq il-post tax-xogħol, l-ebda union oħra ma tista' tintervjeni fuq materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati mal-prinċipal, u min-naħa l-oħra, l-ebda prinċipal ma jista' jiddiskuti xi materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati ma' union li mhix dik rikonoxxuta. Il-pożizzjoni li ħa l-Gvern f'dawn il-proċeduri, bħala l-prinċipal ta' dawn il-ħaddiema, hija li l-UĦM hija rikonoxxuta bħala l-unika union li tista' tinnegozja f'isem l-*allied health professionals,* u in vista tal-fatt li l-MUMN ma talbet qatt rikonoxximent fir-rigward ta' din il-kategorija ta' ħaddiema, anki da parti tal-MUMN hemm għarfien ta' dan il-fatt.

Għaldaqstant tqis li l-UĦM għandha dritt tirrappreżenta l-interessi tal-*allied health professionals* bħala settur ta' ħaddiema li jinkludi għaxar professjonijiet differenti. Sal-lum jirriżulta li l-fiżjoterapisti għadhom jiffurmaw parti minn dan is-settur ta' ħaddiema, u fir-rigward tagħhom għadhom ma sarux il-proċeduri neċessarji sabiex dawn jinqatgħu minn dan is-settur wiesa' ta' ħaddiema, biex jitqiesu bħala *a separate bargaining entity* f'liema eventwalità jkun jista' jiġi negozjat kollettiv għalihom mill-union li għandha msieħba magħha l-maġġoranza tal-fiżjoterapisti fis-servizz pubbliku.

Il-Qorti tqis li huwa dritt sagrosant tal-ħaddiema li jagħżlu liema union jew assoċjazzjoni għandha tirrappreżentahom fi kwalsiasi negozjati jew ftehim li jsiru. Però għandu jintqal ukoll li f'każ li l-fiżjoterapisti jesiġu li tkun l-MUMN li tinnegozja l-ftehim kollettiv f'isimhom, hemm proċedura li trid tiġi segwita sabiex huma jiġu rikonoxxuti bħala *a separate bargaining entity.* Fin-nuqqas ta' dan ir-rikonoxximent, ma jirriżultax mad-daqqa t'għajn il-jedd li l-MUMN qed tippretendi li għandha, u li trid li jiġi kkawtelat bil-ħruġ tal-mandat. Il-Qorti qieset ukoll il-preġudizzju sproporzjonat li ser jinħoloq għal għadd kbir ta' professjonisti li għażlu li jkunu membri tal-UĦM, li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' din it-tilwima, u li qegħdin jistennew li jiġi konkluż il-ftehim settorali bit-tama li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom jiġu regolati b'mod aħjar, paragonat mal-preġudizzju li tista' ssofri l-MUMN jekk ma tiġix milqugħa t-talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti m'għandhiex tintlaqa'.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, stante li ma jirriżultawx sodisfatti l-estremi maħsuba mil-leġiżlatur sabiex jintlaqa' mandat ta' din ix-xorta.**

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.

Mogħti kameralment fit-18 ta’ Ottubru, 2019.